MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 100

11 ta' Settembru 2018

Minuti tas-seduta Nru. 100 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 11 ta' Settembru 2018 fis-6.00 pm.

## Minuta Silenzju

Is-Sindku fakkar li din is-seduta ħabtet isir eżatt fis-sbatax-il anniversarju mill-attakki terroristiċi li seħħew fin-New York, Washington, u Pennsylvania fl-Istati Uniti fid-9 ta' Settembru 2001, illi fihom mietu eluf ta' persuni.

Il-Kunsill osserva minuta silenzju.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti, minbarra l-Kunsillier P. Cutajar u H. Fenech li permezz ta' imejls datati 7 u 9 ta' Settembru 2018, rispettivament għarrfu li ma setgħux jattendu. Is-Sur P. Cutajar ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta'safar, filwaqt li s-Sur H. Fenech minħabba raġunijiet ta' xogħol. Il-Kunsill aċċetta r-raġunijiet mogħtija.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 99 tal-20 ta' Awwissu 2018, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Proġett dwar l-estensjoni tal-Iskola Primarja (S/3/1/1)( T/3/3/Vol V)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta ta' qabel u ppropona li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jiġu allokati fondi biżżejjed mid-*Development Fund* bil-għan li jagħmlu tajjeb għaż-żewġ livelli addizzjonali tal-parkeġġ, kif

ukoll għall-mina pedonali li tgħaqqad l-istess parkeġġ ma' Triq Ġorġ Borġ Olivier, wara li jiġu stmati l-ispejjeż involuti.

2.1.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 2.2.1. Serrvizz dwar ġbir ta' skart riċikklabbli (K/6/10/Vol III)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.14.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li apparti n-nuqqasijiet li ssemmew dakinhar, ġie nnutat li kien hemm dewmien biex jitbattlu d-*domes*, peress li l-kuntrattur mqabbad minn Green MT Ltd kien imsiefer, filwaqt li l-impjegat tiegħu responsabbli minn dan ix-xogħol kien indispost. Billi rriżulta li ma nstabitx persuna minfloku, ntalab l-intervent tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi tagħmel pressjoni fuq Green MT Ltd sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni li nħolqot. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li b'riżultat ta' dan l-iskema ħadet passi u fl-14 ta' Settembru 2018 tbattlu d-domes *kollha* fil-lokalità.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.3.1. Ħruq ta' Logħob tan-Nar minn Proprjetà Amministrata mill-Kurja (F/2/Vol II)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.12.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fit-23 ta' Awwissu 2018 saret laqgħa mad-diriġenti tal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina dwar is-suġġett t'hawn fuq, fejn intlaħaq qbil fuq proposti li għandhom jitressqu lill-Kurja bil-għan li tirrevedi d-deċiżjoni dwar wirjiet piroteknici minn proprjetà tal-Knisja. Intlaħaq qbil ukoll li l-istess proposti jiġu mgħoddija lil numru ta' għaqdiet volontarji sabiex jindikaw jekk humiex lesti li juru l-appoġġ tagħhom għall-istess proposti. Huma ngħataw sal-15 ta' Settembru 2018 sabiex jagħmlu dan.

2.3.3. Il-Kunsillier innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 2.4.1. Servizz ta' aċċessibilità bejn Triq l-Inkurunazzjoni u Misraħ il-Parroċċa (P/8/4)

2.4.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u qal li Galea Curmi Engineering Consultants għaddew stima dwar il-provista u l-installazzjoni ta' *lift* li tammonta għall-€65,505, li ġiet mgħoddija lis-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni B'Diżabilità u Anżjanità Attiva.

2.4.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 2.5.1. Programm ta' Attivitajiet tal-Valletta 18 (A/5/5/Vol VII)

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferit għall-minuta 2.5.1. tas-seduta ta' qabel u qalet li l-attività li ser tittellgħa minn *ŻiguŻajg the International Art Festival for Children* bl-isem *Bodies in Urban Spaces,* hija pprogrammata għall-10 u l-11 ta' Novembru 2018 u ser isseħħ fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier. Din tinvolvi formazzjoni ta' forom varji bil-persuni umani.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.6.1. Premju Anzjanità Attiva 2018 (A/1/3)

2.6.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li ma kienx hemm nomini mressqa mill-għaqdiet sad-data mogħtija.

2.6.3. Is-Sindku kkummenta li l-esperjenza wriet illi f'dawn it-tip ta' premjijiet tingħata konsiderazzjoni għall-ħidma fuq bażi nazzjonali, iktar minn dik lokali.

2.6.4. Il-Kunsillier J. Attard qal illi l-kriterji li ngħataw ma jagħmlux referenza għat-tip ta' ħidma msemmija fil-minuta 2.6.3.

2.6.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieca li jressaq in-nomini li ġejjin:

- Joe u Alice Grech – Koppja li għandha attivitafil-qasam kulturali;
- Anthony Caruana – Attiv fil-qasam kulturali;
- Alfred Vella Borg – Attiv fl-amministrazzjoni tal-isport; u
- Anthony Deguara – Attiv fil-qasam tal-volontarjat.

### 2.7.1. Proġett "*Active Aging, Active Citizenship, Active Towns (Act)*" (P/10/31)

2.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 4.13.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li l-applikazzjoni għall-finanzjament tal-proġett imsemmi ġiet sottomessa sad-data stabbilita, bin-nuqqas tal-Comune di Aquaviva delle Fonti, li kellhom jitħallew barra minħabba raġunijiet amministrattivi.

2.7.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.8.1. PC 0046/09 – Żieda fl-għoli tal-bini fiż-żona Tal-Ibraġ (P/5/8/M)

2.8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.2.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li huwa ġie avviċinat mill-*objectors* fir-rigward tal-applikazzjoni msemmija, sabiex jingħataw l-opportunità jiltaqgħu mal-konsulent imqabbad mill-Kunsill, qabel din tiġi trattata mill-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar fil-25 ta' Settembru 2018.

2.8.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-laqgħa ssir fid-19 ta' Settembru 2018 fis-7.00 pm.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1. Ma kien hemm ebda mistoqsijiet.

## 3.1. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 07/09/18 – 29/08/18
- *Purchase Request Form* – 07/09/18;
- Skeda ta' Pagamenti – 18/08/18 – 07/09/18;
- Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2018;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;

## 4.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 4.1.1. Ipparkjar ta' vetturi fi Triq Anthony Sammut (T/3/2/Vol XV)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 5 ta' Settembru 2018, fejn żewġ sidien ta' garaxxijiet li jintużaw għall-karozzi tal-linja tennew l-ilment tagħhom li qed isibuha diffiċli li jidħlu fi Triq Anthony Sammut minn naħa ta' Triq Ta' Masrija. Dan minħabba li jkun hemm vetturi pparkjati fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Għaldaqstant, huma talbu li dan jitneħħa minn naħa waħda.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li aħjar issir żjara fuq il-post qabel tittieħed deċiżjoni dwar dan is-suġġett.

### 4.2.1. PA 3032/18 - Bankina temporanja fi Triq Franġisk Zahra (P/5/2/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 6 ta' Settembru 2018, fejn is-sid ta' qatgħa li ser tinbena fi Triq Franġisk Zahra, kantuniera ma' Triq Santa Marija, ġie mitlub mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jieħu miżuri bil-għan li jkun hemm aktar siġurtà għall-*pedestrians*. L-istess sid qal li l-Awtorità tagħtu tliet għażliet, ossija li l-Kunsill jindika li:

(a) ma jsibx oġġezzjoni li kollox jibqa' kif inhu;
(b) li ssir bankina temporanja madwar is-sit; jew
(c) Issir mill-ewwel bankina permanenti mis-sid.

4.2.3. Is-sid indika li huwa jippreferi jitħalla kollox kif inhu, peress li qed jippjana li jibda x-xogħol ta' kostruzzjoni f'Novembru 2018.

4.2.4. Il-Kunsill qabel li l-bankina permanenti għandha ssir sa sitt ġimgħat wara d-data tal-pubblikazzjoni tal-ħruġ tal-permess fil-Gazzetta tal-Gvern.

## 4.3.1. Servizz tal-*Cable Car* (P/4/32)

4.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta ta'qabel u għarraf li wara rappreżentazzjonijiet li saru mal-Ministeru tat-Trasport u Proġetti Kapitali, ser issir laqgħa mal-Perit Chris Borg mill-Awtorità tal-Ippjanar fit-12 ta' Settembru 2018.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li flimkien mas-Sindku, għandhom jattendu, il-Kunsillieri A. Brincat Stellini, E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

## 4.4.1. Kunċert annwali mill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina (S/6/Vol IV)

4.4.2. Saret referenza għal imejl datat 23 ta' Awwissu 2018, mibgħut mill-għaqda msemmija, fejn appellaw lill-Kunsill jikkontribwixxi għall-kunċert annwali li ser isir fid-29 ta' Awwissu fi Triq Ġnien Ingraw.

4.4.3. Il-Kunsill laqa' l-appell u talab li jsiru kuntatti sabiex jiġi stabbilit il-mod kif jista' ikun hemm koperazzjoni fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363). Kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jikkommetti aktar minn €800 għal din it-talba.

## 4.5.1. *Pedestrian crossing* fi Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XV)

4.5.2. Saret referenza għal imejl datat 3 ta Settembru 2018, fejn saret proposta sabiex issir *pedestrian crossing* qrib Triq Snajjin.

4.5.3. Ġie osservat li talba simili kienet ġiet rifjuta mill-Kunsill minħabba li din tinsab f'telgħa, filwaqt li mhemmx spazju għal pedestrian crossing bl-arranġamenti li diġa hemm fis-seħħ, ossija: *un/loading bay*, parkeġġ riżervat għall-uffiċċju tal-U-Bet; parkeġġ limitat bil-ħin u *bus stop*.

## 4.6.1. Permessi għal użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni waqt il-ħinijiet tad-dħul fl-iskejjel (A/6/3/1/Vol 135)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għal imejl datat 5 ta' Settembru 2018, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn Transport Malta qed jappellaw lill-Kunsilli Lokali sabiex ma jinħarġux permessi tat-tip imsemmi waqt il-ħinijiet tad-dħul fl-iskejjel.

4.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li r-restrizzjoni fil-każ tal-Mellieħa għandha tiġi osservata fit-toroq ta' madwar l-Iskola Primarja u fi Triq Santa Marija li tieħu traffiku li jkun ġej minn dik id-direzzjoni.

## 4.7.1. Tneħħija ta' blokki minn sit fi Triq l-Ghar u Casa (P/5/2/Vol II)

4.7.2. Saret referenza għal talba verbali mis-sid ta' qatgħa li tinsab fit-triq imsemmija sabiex jitneħħew blokki tal-konkos li tqegħdu fil-proprjetà tiegħu. Il-Kunsill ġie mfakkar li dawn kienu tqegħdu sabiex ma tkomplix iċċedi t-triq u tikkawża danni fi proprjetà privata, filwaqt li jinqata' aċċess għall-parti ta' ġewwa ta' Triq l-Għar u Casa. Dan sar wara li d-Dipartiment tal-Artijiet ħareġ avviż Nru. 539 fil-Gazzetta tal-Gvern tal-14 ta' Mejju 2012. Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet kien għamel tajjeb għall-ispejjeż involuti fit-tqegħid tal-blokki, filwaqt li l-

Kunsill kien issottometta applikazzjoni (DNO) mal-MEPA u ċċertifika x-xogħlijiet permezz tal-perit tiegħu.

4.7.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità tal-Artijiet u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet u l-Infrastruttura minħabba l-involviment tagħhom fl-intervent li kien sar.

**4.8.1. Kampanja *"Let's Do It Malta"*** **(T/4/6/Vol V)**

4.8.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-appelli li saru fuq il-*media* soċjali, sabiex entitajiet u individwi jieħdu sehem f'din il-kampanja billi jikkontribwixxu għat-tindif ta' postijiet differenti. Huwa ppropona li jsir tindif f'Selmun fl-inħawi tal-Palazz nhar is-Sibt 15 ta' Settembru 2018.

4.8.3. Il-Kunsill qabel u approva l-proposta.

**4.9.1. Inizjattiva mill-impjegati tal-Mapfre Middlesea plc** **(T/4/6/Vol V)**

4.9.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi għarraf li l-impjegati tal-kumpanija msemmija jixtiequ jnaddfu u jħawwlu siġar ġewwa fl-inħawi tal-Aħrax nhar is-Sibt 6 ta' Ottubru 2018. Dawn talbu lill-Kunsill jipprovdilhom *skip* u *bowser* ilma.

4.9.3. Il-Kunsill laqa' it-talba.

**4.10.1. Tqassim ta' *bins* għas-separazzjoni tal-iskart** **(K/6/11)**

4.10.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għal kuntatti li għaddejjin ma' Wasteserv (Malta) Ltd dwar eżerċizzju fuq bażi nazzjonali, li jinvolvi iktar separazzjoni tal-iskart. Huwa qal li t-tqassim tar-reċipjenti għall-iskart organiku ser jibdew jitqassmu mill-Mellieħa Scout Group fis-17 ta' Settembru 2018.

4.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.11.1. *European Week for Waste Reduction*** **(T/4/6/Vol V)**

4.11.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għal imejl datat 5 ta' Settembru 2018, fejn Wasteserv (Malta) Ltd stiednu lill-Kunsill jieħu sehem fil-kampanja msemmija li ser isseħħ bejn is-17 u l-25 ta' Novembru 2018. Is-Sur Azzopardi ppropona li ssir attività ntiża sabiex jitnaqqas ir-rimi ta' fliexken tal-plastik. Din issir f'post fejn il-pubbliku jkun jista' jġib fliexken tal-plastik biex jimtlew bl-ilma tajjeb għax-xorb, u hemm jiġi nkoraġġit l-użu ripetut tal-istess fliexken.

4.11.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li parteċipazzjoni f'din l-inizjattiva għandha tkun taħt forma oħra.

**4.12.1. Servizz ta' infurzar offrut mill-*Cleansing Services Division*** **(W/3/Vol XI)**

4.12.2 Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta Nru. 98 tad-9 ta' Lulju 2018, u qal illi huwa kellu laqgħa ma' uffiċjali mid-Diviżjoni fejn huwa ġie nfurmat li s-servizz ta' infurzar dwar ir-rimi ta' iskart jista' jingħata bejn is-6.00am u s-2.00pm, jew bejn it-8.00pm u s-1.00am, bir-rata ta' €40 is-siegħa. Il-Cleansing and Maintenance Division tissussidja nofs din l-ispiża. Huwa ppropona li minn dawn il-ħinijiet jistgħu jiġu wtilizzati perjodu ta' erba' siegħat fi ġranet li jiġu ndikati mill-Kunsill.

4.12.3 Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jintalab servizz bi prova ta' darbtejn fil-ġimgħa ta' erba' siegħat kull darba għal perjodu ta' xahar.

### 4.13.1. Estensjoni tal-ħinijiet tal-Librerija Pubblika (L/4/Vol III)

4.13.2. Il-Viċi Sindku D. Vella ppropona li l-ħinijiet tal-Librerija Pubblika jiġu mtawwla b'siegħa nhar ta' Sibt bi spiża għal Kunsill. Dan billi, il-ħinijiet tax-xitwa, bejn is-17 ta' Settembru u s-6 ta' Lulju, mhux qed ikunu biżżejjed għan-numru ta' persuni li jagħmlu użu mil-librerija.

4.13.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 4.14.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)

4.14.2. Il-Kunsillier J. Attard ippropona li ssir ħarġa kulturali lejn l-Imdina fid-29 ta' Settembru 2018. Huwa qal li ser jintalab ħlas ta' €4 kull persuna li jkopri t-trasport.

4.14.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 4.15.1. Sessjonijiet tal-*istretch and toning* għall-anzjani (E/3/1/11/Vol II)

4.15.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf illi l-*instructor* li kien imexxi s-sessjonijiet imsemmija fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum ma setax ikompli u ġiet ikkuntattjata Ms Cheryl Millen sabiex tkompli dawn is-sessjonijiet. Hija lesta li tkompli tirrendi s-servizz taħt l-istess kundizzjonijiet.

4.15.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 4.16.1. Koperazzjoni mal-Jerome Foundation (G/1)

4.16.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għal imejl datat 4 ta' Settembru 2018, mibgħut mill-Jerome Foundation, fejn fost affarijet oħra appellaw sabiex il-Kunsill jindika postijiet ta' interess fejn isiru żjarat mingħajr spejjeż għad-dħul. Is-Sur Attard issuġġerixxa li ssir żjara fil-Xelters tat-Tieni Ġwerra.

4.16.3. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment imressaq, filwaqt li ndika wkoll il-Park tal-Familja.

### 4.17.1. Premju Soċjetà Ġusta (N/1)

4.17.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għal imejl datat 10 ta' Settembru 2018, mibgħut mis-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni B'Diżabilità u Anzjanita Attiva, fejn il-Kunsill ġie mistieden jinnomina persuni li jissodisfaw il-kriterji stabiliti.

4.17.3. Kien hemm qbil li għandu jiġi nominat is-Sur Stephen Fenech li huwa persuna b'diżabilità attiv f'għaqda mużikali u jipprattika ż-żfin permezz tal-*wheelchair*.

### 4.18.1. Servizz ta' kiropodista (M/8/Vol VI)

4.18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li għaddejja b'kuntatti mas-Segretarjat għall-Persuni B'Diżabilità u Anzjanità Attiva, kif ukoll mad-Dipartiment tal-Kura Primarja sabiex jiġi restitwit is-servizz ta' kiropodista mill-Berġa tal-Mellieħa. Hija qalet li ser issir laqgħa laqgħa ma' uffiċjali mill-istess Dipartiment fil-28 ta' Settembru 2018.

4.18.3. Il-Kunsillier J. Attard spjega li s-sitwazzjoni attwali dwar dan is-servizz hija li min huwa anzjan mobbli jista' jinqeda miċ-Ċentru tas-Saħħa fil-Mosta, filwaqt li minn mhuwiex jingħata s-servizz f'daru. Il-problema hija għal dawk l-anzjani li huma *semi-mobile*.

4.18.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**4.19.1. Art konfinanti minn Triq il-Miġbħa, Triq is-Saghtar u Wesgħat in-Narċis (M/8/Vol VI)**

4.19.2. Il-Kunsilliera E. Bartolo ġibed l-attenzjoni dwar vetturi li qed jitħallew fl-art imsemmija illi qed jagħtu dehra lill-inħawi.

4.19.3. Il-Kunsill qabel għandu jiġi stabbilit jekk l-art hijiex pubbliku u f'dak il-każ tintalab azzjoni mill-Awtorità tal-Artijiet.

**5.1. Ftehim dwar t-tmexxija tan-*Night Shelter* fid-Dar tal-Anzjani (A/1/2/Vol IV)**

5.2. Is-Segretarju għarraf li d-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità għadda abbozz tal-ftehim sabiex jifformalizza r-relazzjoni tal-Kunsill Lokali, CareMalta Ltd u l-istess Dipartiment f'dak li jirrigwarda t-tmexxija ta' din il-faċilità.

5.3. Ġie nnutat li l-abbozz jgħid li:

> *"The General Maintenance of the Mellieħa Night Shelter will be carried out by Mellieħa Local Council",*

mingħajr ma jiddefinixxi "*general maintanance*". Għaldaqstant kien hemm qbil li dan il-fattur għandu jiġi ċċarat.

**6.1. Sejħa għall-Istimi MLC 2/2018 – Servizz ta' Trasport għall-Anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)**

6.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-Sejħa għall-Istimi MLC 2/2018 għalqet fis-27 ta' Settembru 2018 u għaliha wieġbu żewġ offerenti li ntalbu jikkwotaw prezz globali għal servizz bejn l-1 ta' Ottubru 2018 sal-31 ta' Mejju 2020, li jinvolvi 154 vjaġġ bl-użu ta' *minibus* ta' 18-il passiġġier mingħajr *tail lift*, flimkien ma' 20 vjaġġ b'*minibus* mgħammra bit-*tail lift*.

6.3. L-istimi li ngħataw kienu kif jidher hawn taħt:

| | Prezz globali mingħajr VAT |
|---|---|
| Jason Cab Service and Car Rentals Ltd | €12,578.46 |
| Leone Grech | €8,884.00 |

6.4. Ittieħed in konsiderazzjoni r-rapport ta' evalawazzjoni, kif ukoll li s-sottomissjonijiet li saru kienu konformi mar-rekwiżiti mitluba. Il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ *letter of intent* lill-Leone Grech (Paramount Garages Ltd).

6.5. Fid-dawl tal-minuti 6.4, il-Kumitat tal-Evalwaturi ntalab sabiex jiffinalizza l-proċess fl-*e-PPS*.

**7.1. *Bus Shelter* fi Triq il-Kbira (B/6/Vol V)**

7.2. Is-Segretarju għarraf li saru kuntatti ma' Transport Malta u anke żewġ laqgħat fuq il-post sabiex jerġa' jitqiegħed il-*bus shelter*. Huwa fakkar li l-imsemmija awtorità neħħietu temporanjament sakemm kien għaddej xogħol ta' kostruzzjoni fis-sit ta' warajħ. Minkejja li ġie stabbilit il-post eżatt fejn għandhom jsiru l-*bus stop* (Pitirross) u x-*shelter*, is-sid attwali tal-binja qed jilmenta li dan għandu jiġi spusstjat x'imkien ieħor.

7.3. Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tibqa' issir insistenza sabiex il-*bus shelter* jerġa' jsir f'post li ma jikkawżax inġombru fl-aċċess pedonali, kif ukoll bil-vetturi, għar-residenza in kwistjoni.

**8.1. Attivitajiet fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill – Produzzjoni ta' *Musical* (A/5/3/Vol XIII)**

8.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li tkomplew il-kuntatti dwar il-*musical* "Naħal tal-Imħabba", partikularment dwar il-ħlas tal-erba' kantanti ewlenin, li qed jitolbu ħlas ta' €1,000 kull wieħed. Dan ikopri l-kanzunetti kollha, l-attendenza għar-*rehearsals* u ż-żewġ rappreżentazzjonijiet li jridu jsiru għall-pubbliku. Minbarra dawn is-servizzi, inġibdet l-attenzjoni li għad irid jinstab persuna bħala direttur artistiku.

8.3. Il-Kunsill approva l-ispiża u kien tal-fehma li għal skopijiet artistiċi mhux il-każ li għandhom jintalbu stimi u għalhekk qabel li għandu jmur direttament biex jottjeni dawn is-servizzi.

8.4. Is-Sindku kkummenta li l-produzzjoni tal-*musical* ser tinvolvi nefqa sostanzjali u għalhekk għandu jkun biżżejjed biex jitfakkar dan l-anniversarju, iżda minn naħa l-oħra jemmen li għandu jkun hemm xi ħaġa iktar tanġibbli.

8.5. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li jsir basso riljev mal-faċċata tal-uffiċċju amministrattiv.

8.6. Minkejja li kien hemm diskussjoni fuq il-proposta skont il-minuta 8.3, baqgħet ma tteħditx deċiżjoni finali.

9.1. **Rendikont Finanzjarju – April / Ġunju 2018 (F/1/1/Vol II)**

9.2. Is-Segretarju spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Jannar u Ġunju 2018 kien jammonta għal €620,488, filwaqt li kien hemm nefqa ta' €484,486, u hekk irriżulta bilanċ pożittiv ta' €136,002.

9.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti (*Current Asset*) naqas meta mqabbel mal-ewwel tliet xhur tas-sena u kien jammonta għall-€833.506 (Marzu 2018 - €938,274), li €819,157 minnhom kienu flus miżmuma f'kontijiet bankarji. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti (*Current Liabilities)* kienu fil-livell ta' €358,545 (Marzu 2018 - €507,437), li jikkonsistu minn kontijiet pendenti (*Payables*) li jidhru fuq il-kotba, kif ukoll stima ta' spejjeż (*accruals*) fuq servizzi jew materjal mixtrija li kienu għadhom ma jidhrux fuq il-kotba.

9.4. Meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija, jirriżulta Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja (ISF) ta' 43%. Fattur li għolla dan il-perċentwali kien li d-*Deferred Income* ma baqax jittieħed in konsiderazzjoni.

9.5. F'dak li jirrigwarda l-Impjant u Tagħmir (*Plant and Equipment*), bejn Jannar u Ġunju, ġew kapitalizzati b'kemm jiswew €217,100 f'Assi Permanenti (*Fixed Assets*).

9.6. Il-valur oriġinali tal-Assi Permanenti *(Fixed Assets)* kollha akkwistati kien ta' €11,321,843, li meta wieħed jikkalkula d-deprezzament fuqhom sa tmiem Ġunju 2018, il-Valur Nett tagħhom fil-Kotba (*Net Book Value*) kien ta' €3,696,170.

9.7. Billi fl-ewwel kwart irriżulta li l-vot 3042 tal-Iskart Goff fl-Estimi 2018 kien baxx wisq minħabba li kien ibbażat fuq offerta li ġiet irtirata, ġie mfakkar li dan żdied bi €13,000 oħra, li ttieħdu mill-vot 2300-2399 tat-Tiswijiet u Manutenzjoni.

9.8. Il-Kunsill approva r-rapport u talab li jiġi ppubblikat permezz tas-sitt elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Quarterly-Financial-Reports.aspx

**10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

10.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 7 ta' Settembru 2018.

10.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.4. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn l-14 u d-29 ta' Awwissu 2018.

10.5. Tressqet ukoll, b'mod separat, skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-18 ta' Awwissu u s-7 ta' Settembru 2018.

10.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fl-erba' skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn dawk preżenti, is-seduta spiċċat fl-10.30 pm u ġiet aġġornata għall-nhar it-Tnejn l-1 ta' Ottubru 2018 fis-6.00 pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**